**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru 36**

**Avviz numru 577/01**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Calex Contractors Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm666.39 (sitt mija u sitta u sittin lira Maltin u disa' u tletin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati mis-socjeta konvenuta fil-proprjeta' tal-mittenti f'Preca Street, Lija fil-15 ta' Settembru 1999.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hals effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-allegati danni ma sarux tort tas-socjeta konvenuta u dan kif jista jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk it-talba tal-korporazzjoni attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi mhux kontestat li s-socjeta' ma applikatx ghal permess. Dan huwa konfermat b'dok CG1 prezentat fit-22 ta' Jannar, 2002.

Jirrizulta mix-xhieda ta' David Zerafa u Charles Galea li l-cables gew rilevati, Li mhux car huwa jekk in-nies tal-attur immarkaw

bl-ahmar ossia l-kulur tal-Enemalta. Kull permess ghandu l-kulur tieghu.

Galea stqarr li ma kienx prezenti ghall-access meta n-nies tal-Enemalta suppost immarkaw (seduta tat-22 ta' Jannar 2002). David Zerafa (seduta 30/4/02) ma jirrizultalux fil-file li l-kuntrattur ghamel xi appuntament ghall-irrimarkar. Fix-xhieda tieghu stess, Gales jistqarr li n-nies tal-Enemalta accedew unikament fl-ahhar, wara hafna giri warajhom biex imorru fuq il-post.

Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn mal-versjoni tal-konvenut. Il-ferma opinjoni hija jew ma cempel xejn jew tant xeba' jistennihom li qabad u hadem. Ha riskju u ikkaguna l-hsara. Id-dokumenti relattivi ghad-danni Dok HD1 esebiti minn Silvio Decelis fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2001 ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa it-talbiet attrici, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm666.39 danni kagunati fil-cable, bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra s-socjeta konvenuta.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**